**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 19 ta' Gunju, 2018

Rikors Nru : 7/2017AL

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet:

Dan ir-rikors qed jigi mressaq skond id-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 22 ta' Dicembru 2016.

1. Illi r-rikorrenti hija omm l-intimata li ghandha sitta u ghoxrin sena,

2. Illi minn relazzjoni li l-intimata kellha ma terza persuna mhux maghrufa twieled tifel fid-9 ta' Lulju 2012 bl-isem ta' S N B hekk

kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid, liema certifikat gie prezentat f'rikors precedenti;

3. Illi sa minn meta twieldet din it-tarbija, kien jidher car li l-intimata kienet irresponsabbli u ma kenitx matura bizzejjed biex tiehu hsieb lil din it-tarbija tant li tul dawn l-erba' snin li ghaddew il-minuri trabba u ghex esklussivament mar-rikorrenti;

4. Illi l-intimata, kif jidher kjarament mid-diversi rapporti, digrieti tal-Qorti, u rapport ohra, mhux biss hija immatura u inkonsistenti fil-mod kif tghix, izda wkoll ferm irresponsabbli;

5. Illi turija ta' dan mhuwiex possibli li jigu elenkati l-incidenti kollha li nqalghu f'dawn l-ahhar snin kagun tal-agir tal-intimata, bizzejjed pero jissemma l-fatt li kemm il-darba l-intimata ghamlet xhur shah ma tara lil binha, irrifjutat li tarah kemm il-darba u d-diversi drabi li stqarret, anki quddiem l-persuni inkarigati mill-Appogg, li behsiebha taghti lit-tifel ghall-adozzjoni;

6. Illi r-rikorrenti kellha hajja difficli hafna u wahedha rabbiet hamest'itfal u qatt ma basret li fi xjuhita ser ikollha trabbi wkoll lin-nepitu taghha, dan pero qed taghmlu b'sens ta' responsabblita kbira, bhala n-nanna tal-minuri ma tistax tarah jigi mitluq, abbandunat u mwarrab minn ommu jew aghar minn hekk u kif kemm il-darba tenniet l-intimatat stess li t-tifel trid tibghatu f'istitut;

7. Illi l-intimata kienet u ghadha tbati wkoll minn dipressjoni qawwija li kemm il-darba wassluha biex ikollha hsibijiet li tikkommetti suwicidju;

8. Illi l-intimata zzomm lit-tifel maghha biss meta jkun komdu ghaliha, bil-burdati u aptit minghajr l-ebda konsistenza skans ripetizzjoni mhux l-ewwel darba li ghamlet xhur ma taraha lil binha jew sahansitra tirrifjutah;
9. Illi iffacjata b'din is-sitwazzjoni, r-rikorrenti sa mill-bidu nett talbet l-intervent ta' social worker mill-Agenzija Appogg li ma damux ma ndunaw li jezistu cirkustanzi gravi bizzejjed li l-hajja tal-minuri tkun

qeghdha f'periklu car u manifest jekk jibqa' f'idejn ommu l-intimata, hekk kif jidher car mir-rapporti mahruga matul dawn l-ahhar erba' snin;

10. Illi t-tifel stess illum, ghad li ghandu eta zghira, m'ghandux rabta ma ommu u wara d-diversi incidenti recenti li nqalghu quddiemu, issa qed jirrifjuta li jmur ma ommu;

11. Illi r-rikorrenti f'dawn l-erba' snin ippredentiet li tara kambjament f'bintha u dan sabiex tibda trabbi lit-tifel taghha, izda fil-fatt gara u qed jigri bil-maqlub tant li matul dawn is-snin l-intimata, lanqas ghall-gheluq is-snin ta' binha, fil-Milied u festi ohra ma kienet prezenti;

12. Illi ma jistax ma jissemmiex l-ahhar incident li sehh fil-11 ta' Lulju 2016 f'Birzebbugia, meta l-intimata ma rritornatx lit-tifel fil-hin u kien biss wara tfittxija intensiva bil-pulizija li t-tifel instab ma ommu li kien jidher car li ma kienetx f'kundizzjoni stabbli tant li kienet ferm aggressiva mar-rikorrenti u tifla ohra taghha (li spiccaw kellhom bzonn kura medika) u dan kollu fil-presenza tal-pulizija, hekk kif jirrizulta mir-rapport anness u mmarkat Dok DD1);

13. Illi t-tifel ghandu wkoll kundizzjoni medika mhux serja pero li tirrekjedi kura regolari u ghad li r-rikorrenti wissiet lill-intimata diversi drabi biex ma thallix lit-tifel fix-xemx, din tigi injorata u dan kull darba iwassal ghal peggjorament fil-kundizzjonijiet tas-sahha tal-minuri;

14. Illi l-intimata mhux qed tahdem ghad li kellha diversi opportunitajiet ta' xoghol fosthom mal-Maltapost izda kienet hi stess li rrizenjat u dan ukoll juri irresponsabbilta kbira mhux biss lejn il-minuri izda wkoll lejha stess;

15. Illi kemm il-darba r-rikorrenti offriet lill-intimata biex tarah izjed sikwit u specjalment f'gheluq snin it-tifel izda dawn l-offerti dejjem gew rifjutati;

16. Illi l-intimata ilha ma tara lill-binha iktar minn sitt xhur u cioe minn Lulju 2016;

17. Illi r-rikorrenti ma tistax tippermetti u thalli li n-neputi taghha jitrabba b'dan il-mod mill-iktar traskurat u rresponsabbli bir-riskji kollha li hemm ghall-minuri u ghalhekk fuq parir tal-Agenzija Appogg stess qed tressaq dan ir-rikors odjern li permezz tieghu qed tesponi dan il-kaz ghall-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti filwaqt li titlob li l-istess rikorrenti tinghata l-kura u l-kustodja tal-minuri b'mod permanenti u dan peress li ghad li ghaddew diversi snin l-intimata minflokk marret ghall-ahjar marret ghall-aghar, l-agir taghha sar mill-iktar irresponsabbli u certament mhux fl-interess tal-minuri, sfortunatament, li dan jitrabba minn ommu;

18. Illi din it-talba fir-rigward tal-kura u kustodja qed tintalab biss fid-dawl tal-incidenti kollha li qed jinqalghu li iktar ma jghaddi z-zmien iktar qed jizdiedu kif ukoll mill-prattiku li jehtieg li r-rikorrenti ikollha kontroll ta' fejn imur it-tifel minuri u dan fl-ahjar interess tal-minuri stess.

19. Illi dan ir-rikors qed isir, sa certu punt, kontra qalb ir-rikorrenti stess li x-xewqa taghha dejjem kienet li tara lil minuri jitrabba sew minn ommu wara li din tiehu l-kuri necessarji u tibda terfa r-responsabbilitajiet taghha bhala mara u iktar minn hekk bhala omm;

Talbet in vista tal-fuq premess, li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Takkorda lir-rikorrenti l-kura u kustodja tal-minuri S N, b'mod permanenti;
2. Takkorda lill-intimata hinijiet ta' access adegwati ma binha minuri u taht supervizjoni tal-Agenzija Appogg skond il-pariri tal-istess Agenzija u fl-ahjar interess tal-istess minuri.

Salv provvedimenti ohra li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat illi l-konvenuta, minkejja li ġiet debitament notifikata bil-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[1], naqset milli tippreżenta r-risposta ġuramentata tagħha, u għalhekk hija kontumaċi kif ġie ddikjarat fl-udjenza tat-23 ta' Novembru 2017[2];

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat illi l-Assistent Ġudizzjarju Dottor Greta Mifsud Agius, debitament nominata għal dan l-iskop, semgħet ix-xiehda tal-attriċi;

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża fejn ir-rikorrenti qiegħda titlob li tiġi afdata esklussivament bil-kura u l-kustodja tat-tifel minuri S N B, imwieled lil bintha, il-konvenuta C B, nhar id-9 ta' Lulju 2012, minn missier mhux magħruf.

PROVI PRODOTTI

L-attriċi xehdet[3] illi hija tiġi n-nanna materna tal-minuri S N B, li huwa iben l-intimata C B. S għandu ħames snin u ilu jgħix max-xhud minn mindu kellu ftit inqas minn sena, permezz ta' diversi ordnijiet tal-Qorti. Preżentement, hija għanda l-kura u l-kustodja tal-minuri b'mod temporanju.

[1] Riferta fol. 27, Estratt mill-Gazetta tal-Gvern esebit fol. 33 u estratt mill-ġurnal lokali ta' kuljum "L-Orizzont" a fol. 35;
[2] Verbal a fol. 36
[3] F'seduta miżmuma quddiem l-Assitent Ġudizzjarju Dr. Greta Mifsud Agius nhar it-12 ta' Jannar 2018, fol. 37.

Mit-twelid tal-minuri kien evidenti illi l-intimata kienet irresponsabbli u ma kinitx matura biżżejjed biex tieħu ħsieb lil din it-tarbija. Għalhekk il-minuri qiegħed jitrabba mill-attriċi. Il-konvenuta ġieli għamlet xhur sħaħ ma tara lil binha u diversi drabi stqarret illi beħsiebha tagħti lit-tifel għall-adozzjoni.

Il-konvenuta kellha aċċess għat-tifel fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ u iktar tard ħdejn il-Knisja ta' Raħal Ġdid, taħt superviżjoni. Minn Lulju 2017, l-intimata waqqfet l-aċċess wara argument bejn il-partijiet fejn huma saħansitra spiċċaw fl-idejn u l-Pulizija arrestaw lill-konvenuta.[4] Dan l-inċident seħħ quddiem għajnejn it-tifel u għalhekk ikkawżalu trawma tant li r-rikorrenti tieħdu għand il-play therapist Sarah Vella f'Ħ'Attard. Meta l-minuri waqaf jara lil ommu, huwa għamel kambjament għall-aħjar.

Il-konvenuta m'għamlitx kuntatt mat-tifel fil-Milied u lanqas f'għeluq sninu. Il-partijiet tilfu kull kuntatt bejniethom u l-attriċi ma tafx fejn tinsab bintha. Lanqas ma' ħutha ma titkellem u lanqas dawn ma jafu x'sar minn oħthom C.

L-attriċi tispjega li huwa kontra qalbha li hija qed titlob li tieħu l-kura u l-kustodja tal-minuri b'mod permanenti minflok bintha, għaliex hija ppretendiet li bintha timmatura u tkun tista' tieħu ħsiebu hija stess. Imma dana sfortunament qatt ma seħħ. Meta l-minuri kien fl-inkubatur, bdiet tħares lejn it-trabi l-oħra biex tara jekk hemmx tarbija isbaħ minn binha biex teħodha minfloku. B'dispjaċir ix-xhud tirrakkonta illi l-intimata waslet biex qalet lill-Imħallef li tippreferi li t-tifel jingħalaq fl-istitut milli jgħix magħha.

L-attriċi tirrakkonta li hija kellha ħajja diffiċli ħafna biex rabbiet ħames uliedha weħidha. Qatt ma basret li fl-eta` tagħha ser terġa tibda trabbi, iżda hija tagħmel dan b'responsabilita` kbira għaliex hija ma tixtieqx li tara lit-tifel mitluq, abbandunat u mwarrab minn ommu jew jintbagħat jgħix f'istitut.

Iżżid li l-intimata kienet u għadha tbati b'dipressjoni qawwija li kemm-il darba wassluha biex ikollha ħsibijiet li tikkommetti suwiċidju.

---

[4] Rapport tal-Pulizija iddatat il-11 ta' Lulju 2017, esebit fol. 6;

Kif jindika r-rapport[5] imħejji mill-Kindergarten tal-minuri St. Angela Nursery School Żabbar, il-minuri qiegħed jagħmel progress tajjeb u sodisfaċenti.

## PRINĊIPJI LEGALI

Il-Qorti rat l-Artikolu 154 tal-Kodiċi Ċivili illi jistipula:

> ***154. (1) Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:***
> ***(a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies, jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu;***
> ***(b) jekk l-imġieba tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel;***
> ***(ċ) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inklużivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190;***
> ***(d) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel;***
> ***(e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.***
> ***(2) Madankollu, il-qorti tista', ukoll fil-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1), terġa' tqiegħed lill-ġenitur fl-eżerċizzju tal-jeddijiet li tkun tellfitu, jekk ma tibqax ir-raġuni li għaliha tkun tellfitu dawk il-jeddijiet.***

Fil-fehma tal-Qorti, fil-każ odjern, il-konvenuta tinstab ħatja tal-estremi stipulati fl-Artikolu appena ċċitat. Hija ċertament tonqos illi tieħu ħsieb it-trobbija ta' binha, tonqos milli tedukah, milli titimgħu u milli tieħu ħsiebu. Jirriżulta illi hija mmatura u rresponsabbli u b'hekk l-imġieba tagħha hija tali li tista' tipperikola lit-tifel, bħal meta ma toqgħodx attenta li ma tesponiehx għax-xemx, meta dana jista' jkun

[5] Fol. 11

ta' detriment għall-kondizzjoni medika li għandu. Illi għaldaqstant, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 154, partikolarment is-subinċiż (b) u s-sub-inċiż (e), il-konvenuta qiegħda tiġi mneħħija mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri.

Konsegwentement, peress illi l-minuri S N B huwa iben missier mhux magħruf, b'dan il-provvediment huwa ġie żvestit minn ġenitur li jieħu ħsieb it-trobbija tiegħu. Fortunatament għall-minuri, in-nanna materna u cioe l-attriċi hija disposta li timla dan il-vojt u li tieħu ħsieb trabbi lit-tifel daqslikieku tagħha, bħalma għamlet effettivament għal dawn l-aħħar ħames snin.

Il-Qorti rat l-Artikoli 159 et sequitur tal-Kodiċi Ċivili illi jitrattaw il-ħatra tat-tuturi partikolarment l-Artikolu 160 illi jistipula:

> ***160. Meta fost il-qraba tat-tifel ta' taħt l-età jkun hemm persuni tajba għal tuturi, il-qorti għandha taħtar waħda minn dawn il-persuni, u, fost dawn, dejjem skont l-aħjar interessi tat-tifel, lill-eqreb qarib mid-demm.***

Il-Qorti m'għandhiex dubju illi l-attriċi, oltre li hija l-eqreb qarib mid-demm, tista' tkun tutur denju għall-imsemmi minuri u li jkun fl-aħjar interess tal-minuri li dana jitqiegħed taħt it-tutela tagħha. Il-Qorti tikkunsidra illi l-minuri, sa mit-twelid, dejjem ġie kkurat mill-attriċi. Ir-responsabilita` għall-għixien u t-trobbija tiegħu dejjem waqgħu fuqha, tenut kont illi l-konvenuta abbandunatu u kienet disposta tħallih jitrabba f'istitut.

Għaldaqstant bil-preżenti, il-Qorti qiegħda taħtar lill-attriċi A B, detentriċi tal-karta tal-identita` 414558 (M) bħala tutur għall-minuri S N B u tafdalha unikament u esklussivament il-kura u l-kustodja tal-istess minuri, b'dana illi kwalsiasi deċiżjoni rigwardanti saħħa, edukazzjoni, reliġjon, trobbija, safar tal-minuri, inkluż ħruġ u/jew tiġdid tal-passaport tal-minuri u b'mod ġenerali kull deċiżjoni oħra rigwardanti l-minuri għandha tittieħed mir-rikorrenti weħidha mingħajr il-bżonn tal-awtorizzazzjoni u/jew il-kunsens tal-intimata;

Rigward l-aċċess tal-intimata fil-konfront tal-minuri, il-Qorti hija tal-fehma li l-abbandun tagħha għal tul ta' konsiderevoli ta' żmien

(numru ta’ xhur) mill-ħajja tal-minuri ċertament ma ffaċilitax il-ħolqien ta’ rabta jew kuntatt bejn il-minuri u ommu. Illi l-konvenuta, xejn m’għandha interess fit-tifel u ma tmantniehx materjalment u lanqas għandha xi kuntatt regolari miegħu. Inoltre hija ma ddejqitx tiddikjara li ma ssibx oġġezzjoni li binha jitrabba f’istitut. Meta kellha l-opportunita t’aċċess mal-minuri, hija ma ħatfitx l-istess opportunita` anzi kienet hija stess li waqqfitu. Ix-xenata tal-11 ta’ Lulju 2016 fil-preżenza tat-tifel xejn ma kienet ta’ ġid għalih, tant li ħtieġlu jibda jara terapista. Il-Qorti tikkonsidra wkoll il-kontumaċja tal-konvenuta f’din il-kawża bħala prova oħra favur in-nuqqas ta’ impenn tagħha lejn binha. Illi għalhekk fil-fehma tal-Qorti, jkun ferm aħjar għall-minuri li jibqa’ jitrabba unikament min-nanna, mingħajr ebda forma ta’ aċċess jew kuntatt mal-omm f’dan l-istadju. Il-Qorti pero` tkun tista’ tvarja l-ordni tagħha jekk il-konvenuta tittenta tibni relazzjoni ma’ binha u dana qabel ma jkun tard wisq.

**<u>DEĊIDE</u>**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrenti u konsegwentement taħtar lill-attriċi A B, detentriċi tal-karta tal-identita` 414558 (M) bħala tutur għall-minuri S N B u tafdalha unikament u esklussivament il-kura u l-kustodja tal-istess minuri, b’dana illi kwalsiasi deċiżjoni rigwardanti saħħa, edukazzjoni, reliġjon, trobbija, safar tal-minuri, inkluż ħruġ u/jew tiġdid tal-passaport tal-minuri u b’mod ġenerali kull deċiżjoni oħra rigwardanti l-minuri għandha tittieħed mir-rikorrenti weħidha mingħajr il-bżonn tal-awtorizzazzjoni u/jew il-kunsens tal-intimata;

2. tinnomina lin-Nutar Dottor Sean Critien sabiex iwettaq dak kollu stipulat fl-Artikolu 167(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

3. tiċħad it-tieni talba tar-rikorrenti;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta.